

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Market Watch Franchise & Consulting, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Settembru 2010 – C-Content vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-247/08)

“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċeduri ta' sejħiet għal offerti Komunitarji — Servizzi ta' pubblikazzjoni elettronika — Irregolaritajiet u ksur tad-dritt Komunitarju allegatament imwettqa mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet — Termini ta' preskrizzjoni — Rabta kawżali”

1. *Rikors għad-danni — Terminu ta' preskrizzjoni — Bidu tad-dekorrenza — Data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Mument meta l-kundizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali jiġu sodisfatti (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 46) (ara l-punti 52-55)*
2. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE) (ara l-punti 72, 73)*
3. *Kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Spejjeż sostnuti minn offerent — Dritt għal kumpens — Assenza — Eċċezzjoni — Ksur tad-dritt Komunitarju (ara l-punti 86, 87)*
4. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Dannu — Dannu li jista' jiġi kkumpensat — Spejjeż sostnuti għall-finijiet tal-proċedura ġudizzjarja (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE) (ara l-punti 88, 89)*

5. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Dannu — Dannu li jista' jiġi kkumpensat — Kunċett — Spejjeż sostnuti quddiem l-Ombudsman Ewropew (Artikolu 195(1) KE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE; Statut tal-Ombudsman Ewropew, Artikolu 2(6) u (7)) (ara l-punti 90, 91)*

Suġġett

Rikors għal danni intiż għal kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti wara irregolaritajiet u ksur tad-dritt Komunitarju li l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej allegatament ikkommetta fil-kuntest ta' diversi sejħiet għal offerti fir-rigward ta' servizzi ta' pubblikazzjoni elettronika.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.
- 2) C-Content BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Settembru 2010 –
Rosenruist vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' but b'żewġ kurvi fuqu)**

(Kawża T-388/09)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta but b'żewġ kurvi fuqu — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”